MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2592/1999/1

Kawza fil-lista: 3

**Renald Pisani**
**Vs**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:

Peress illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' vettura tal-marka Austin Maestro bin-numru ta' registrazzjoni EAE 346.

Peress illi fil-21 ta' Lulju 1999 il-karozza tieghu giet ittowjata mill-Pulizija ta' l-Administrative Law Enforcement meta kienet parkeggjata f'Old Bakery Street, Valletta liema zona lanqas m'hi mmarkata bhala 'tow zone'.

Peress illi sussegwentement meta l-istess vettura kienet f'idejn il-pulizija dina giet danneggjata b'mod li hija 'write off'.

Peress illi mill-istess vettura waqt li din kienet fil-kustodja tal-konvenut insterqu numru ta' diski, gakketta tal-gilda, amplifyer, speakers u affarijiet ohra simili.

Peress illi per konsegwenza l-attur sofra danni konsiderevoli konsistenti fl-aghar ipotesi fil-valur tal-karozza.

Peress illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kkagunati minnu permezz ta' protest kopja ta' liema qed tigi esebita bhala Dok.A.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura tal-marka Austin Maestro bin-numru ta' registrazzjoni EAE 346 proprjeta' ta' l-attur.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat is-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2003 li permezz taghha giet milqugha l-ewwel talba attrici u l-konvenut gie dikjarat responsabbli ghad-danni kaggjonati fil-vettura ndikata fic-citazzjoni;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Zammit minnu debitament mahluf fid-9 ta' Marzu 2005 [Fol.85 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi mir-relazzjoni tal-perit tekniku rrizulta li fiz-zmien li l-vettura kienet giet elevata mill-pulizija fis-sena 1999, il-vettura [bir-roti] kellha pre accident value fuq is-suq lokali ta’ Lm1,400.

Illi rigward il-kondizzjoni tal-vettura meta din giet ezaminata mill-espert tekniku, dan josserva li l-vettura kellha hsara estensiva fuqha u kienet f’ tali kundizzjoni li ghandha tigi kkunsidrata bhala beyond economical repair; filwaqt li r-wreck value ghandu valur ta’ Lm50.

Ghaldaqstant il-hsara li soffriet il-vettura meta din kienet fil-pussess tal-konvenut tammonta ghas-somma ta’ Lm1,350 - nieqes il-valur tal-erba roti li, mill-provi, rrizultaw li kienu baqghu fil-pussess tal-attur u ma kienu qatt fil-pussess tal-konvenut. Ghalhekk ghandu jitnaqqas minn din is-somma l-ammont ulterjuri ta’ Lm40 rapprezentanti l-prezz tala-erba roti, komputat minn din il-Qorti arbitrio boni viri.

B’ hekk id-danni, li attwalment sofra l-attur u li ghalihom qed jinzamm responsabbli l-konvenut, qed jigu likwidati fl-ammont ta’ elf tlett mija u ghaxar liri maltin [Lm1,310].

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talba attrici, billi tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf tlett mija u ghaxar liri maltin [Lm1,310] u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm1,310, flimkien mal-imghax legali mid-data tal-gudizzju, u bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------